Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1119/2012

tad-29 ta' Novembru 2012

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M DSM 11673, *Pediococcus pentosaceus* DSM 23376, NCIMB 12455 u NCIMB 30168, *Lactobacillus plantarum* DSM 3676 u DSM 3677 u *Lactobacillus buchneri* DSM 13573 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 330, 30.11.2012, p. 14)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1704 tas-7 ta' Settembru 2023	L 221	8	8.9.2023
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/220 tat-12 ta' Jannar 2024	L 220	1	15.1.2024
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/251 tas-16 ta' Jannar 2024	L 251	1	17.1.2024

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1119/2012

tad-29 ta' Novembru 2012

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M DSM 11673, *Pediococcus pentosaceus* DSM 23376, NCIMB 12455 u NCIMB 30168, *Lactobacillus plantarum* DSM 3676 u DSM 3677 u *Lactobacillus buchneri* DSM 13573 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċi tal-annimali kollha

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Il-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness, li jifformaw parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tal-għalf iffermentat", huma awtorizzati bħala addittivi fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Miżuri tranżitorji

Il-preparazzjonijiet speċifikati fl-Anness u l-għalf li fih dawn il-preparazzjonijiet, li huma manifatturati u ttikkettjati qabel l-20 ta' Ġunju 2013 skont ir-regoli applikabbli qabel l-20 ta' Diċembru 2012 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm il-ħażniet eżistenti jispiċċaw.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-additiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Additiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' materja friska			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Il-grupp funzjonali: addittivi tal-għalf iffermentat									
▼M3 ———									
▼M1 ———									
▼M3 ———									
▼M2 ———									
▼B 1k20731	—	*Lactobacillus plantarum* DSM 3676	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* DSM 3676 li fiha minimu ta' 6×10^{11} CFU/g ta' addittiv *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*	L-ispeċi kollha tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun. 2. Id-doża minima tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikro-organiżmi oħrajn bħala addittivi tal-għalf iffermentat: 1×10^{8} CFU/kg ta' materja friska.	l-20 ta' Diċembru 2022

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' materja friska			
			Lactobacillus plantarum DSM 3676 *Metodu Analitiku* (1) Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf: il-metodu tat-tifrix (EN 15787) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE)					3. L-addittiv għandu jintuża f'materja faċli u f'materja b'mod moderat diffiċli biex tinħażen (2) 4. Għal finijiet ta' sigurtà: huwa rrakkomandat li tintuża protezzjoni għall-imnifsejn u par ingwanti waqt l-immaniġġjar.	
1k20732	—	*Lactobacillus plantarum* DSM 3677	*Il-kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' *Lactobacillus plantarum* DSM 3677 li fiha minimu ta' 4×10^{11} CFU/g ta' addittiv *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* *Lactobacillus plantarum* DSM 3677 *Metodu Analitiku* (1) Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf: il-metodu tat-tifrix (EN 15787) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE)	L-ispeċi kollha tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun. 2. Id-doża minima tal-addittiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikro-organiżmi oħrajn bħala addittivi tal-għalf iffermentat: 1×10^{8} CFU/kg ta' materja friska. 3. L-addittiv għandu jintuża f'materja faċli u f'materja b'mod moderat diffiċli biex tinħażen (2) 4. Għal finijiet ta' sigurtà: huwa rrakkomandat li tintuża protezzjoni għall-imnifsejn u par ingwanti waqt l-immaniġġjar.	l-20 ta' Diċembru 2022

▼B

Numru ta' identifikazzjoni tal-additiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Additiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' materja friska			
1k20733	—	*Lactobacillus buchneri* DSM 13573	*Il-kompożizzjoni tal-additiv* Preparazzjoni ta' *Lactobacillus buchneri* DSM 13573 li fiha minimu ta' 2×10^{11} CFU/g ta' additiv *Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* *Lactobacillus buchneri* DSM 13573 *Metodu Analitiku* ([1]) Enumerazzjoni fl-additiv tal-għalf: il-metodu tat-tifrix (EN 15787) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE)	L-ispeċi kollha tal-annimali	—	—	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additiv u t-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun. 2. Id-doża minima tal-additiv meta jintuża mingħajr ma jitħallat ma' mikro-organiżmi oħrajn bħala addittivi tal-għalf iffermentat: 1×10^8 CFU/kg ta' materja friska. 3. Għal finijiet ta' sigurtà: huwa rrakkomandat li tintuża protezzjoni għall-imnifsejn u par ingwanti waqt l-immaniġġjar.	l-20 ta' Diċembru 2022

([1]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx

([2]) Foraġġ li hu faċli biex jinħażen: > 3 % karboidrati li jinħallu fil-materja friska. Foraġġ li hu b'mod moderat diffiċli biex jinħażen: 1.5-3.0 % karboidrati li jinħallu fil-materja friska. Ir-Regolament (KE) Nru 429/2008. ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1.